

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2013

li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE

(2013/801/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Ewropew u fdatha bil-ġestjoni ta' azzjonijiet Komunitarji fil-qasam tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 58/2003 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddelega poteri lill-aġenziji eżekuttivi biex jimplementaw b'mod sħiħ jew parti minn programm jew proġett tal-Unjoni, fisimha u taħt ir-responsabbiltà tagħha.
- (2) L-għan li l-aġenziji eżekuttivi jingħataw il-kariga b'il-kompiti t'al-implimentazzjoni tal-programmi huwa biex il-Kummissjoni titħalla tikkonċentra fuq l-attivitàjiet u l-funzjonijiet ewlenin tagħha li ma jistgħux jiġu ġestiti esternament, mingħajr ma ċċedi l-kontroll fuq l-attivitàjiet ġestiti minn dawk l-aġenziji eżekuttivi u r-responsabbiltà aħharja għall-istess attivitàjiet.
- (3) Id-delega ta' kompiti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' programmi lil aġenzija eżekuttiva titlob separazzjoni ċara bejn l-istadji tal-ipprogrammar li jinvolvu diskrezzjoni kbira fl-għażliet iggwidati minn konsiderazzjonijiet ta' politika u li jitwettqu mill-Kummissjoni, u l-implimentazzjoni tal-programmi, li għandha titħalla f'idejn l-aġenzija eżekuttiva.
- (4) Bid-Deċiżjoni 2007/60/KE⁽²⁾, il-Kummissjoni ħolqot l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk tat-Trasport Trans-

- (5) Sussegwentement, bid-Deċiżjoni 2008/593/KE⁽³⁾, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu tal-operat tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport u ddefinit mill-ġdid l-għanijiet u l-kompiti tagħha biex b'hekk saret responsabbli wkoll mill-implimentazzjoni ta' għajnuna finanzjarja tal-baġit tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport fil-Qafas Finanzjarju Pluriennwali għall-2007-2013.
- (6) L-Aġenzija Eżekuttiva għan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport uriet li hija aġenzija organizzata tajjeb li twettaq il-kompiti li għandha mandat fuqhom b'mod effettiv u effiċjenti f'konformità mal-qafas legali li jirregola l-attivitàjiet tagħha. L-evalwazzjoni interim tal-aġenzija wriet li hija għandha indikaturi tal-produttività b'saħħithom u li twettaq il-ġestjoni teknika u finanzjarja tagħha b'mod li jissodisfa lill-partijiet interessati. L-aġenzija rnexxielha tikkontribwixxi b'suċċess għall-implimentazzjoni tal-programm tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u ppermettiet lill-Kummissjoni biex tiffoka fuq u ttejjeb il-ġestjoni tal-kompiti istituzzjonali u ta' politika tagħha. L-evalwazzjoni interim wriet ukoll li l-aġenzija hija għażla aktar kosteffiċjenti għall-ġestjoni tal-programm tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, meta mqabbla max-xenarju tal-ġestjoni interna tal-Kummissjoni. L-iffrankar li rriżulta mid-delega tal-kompiti lill-aġenzija ġew stmati għal madwar EUR 8,66 miljun tul il-perjodu ta' snin mill-2008 sal-2015.
- (7) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 "Baġit għall-Ewropa 2020"⁽⁴⁾, il-Kummissjoni pproponiet l-użu tal-għażla ta' rikors aktar estensiv għall-aġenziji eżistenti għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020.
- (8) L-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji mwettqa f'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 wriet li d-delega lill-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport tal-ġestjoni ta' partijiet mill-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fl-oqsma

⁽¹⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk tat-Trasport Trans-Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 88).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/593/KE tal-11 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/60/KE dwar il-modifika tal-kompiti u l-perjodu tal-operat tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk Trans-Ewropew (ĠU L 190, 18.7.2008, p. 35).

⁽⁴⁾ COM(2011) 500 finali.

tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet ⁽¹⁾, kif ukoll partijiet minn riċerka dwar it-trasport u l-enerġija fil-qafas tal-programm Orizzont 2020 ⁽²⁾, jagħmilha possibbli li jiġu implimentati tali programmi b'mod effiċjenti b'inqas spejjeż milli meta mqabbla mal-Kummissjoni. It-tali delega ta' ġestjoni ta' programmi lill-aġenzija huwa stmat li jħalli gwadanni fl-effiċjenza ta' madwar EUR 54 miljun għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali mill-2014 sal-2020. L-analiżi wriet ukoll li t-tagħqid flimkien tal-ġestjoni tal-infrastruttura u ta' proġetti ta' riċerka fl-oqsma tat-trasport u tal-enerġija fl-istess aġenzija jirriżulta f'ekonomiji tal-kobor u sinerġiji sinifikanti bejn tali attivitajiet. L-estensjoni tal-mandat tal-aġenzija tippermetti li l-Kummissjoni u l-partijiet interessati jibbenefikaw mill-għarfien espert tal-aġenzija u minn kwalità għolja tal-ġestjoni ta' programmi u tat-twassil ta' servizzi. Din l-estensjoni tiżgura wkoll kontinwità tal-operat għall-benefiċjarji mill-programm tan-network trans-Ewropew tat-trasport u livell għoli ta' viżibbiltà tal-Unjoni bħala l-promotur tal-programmi ġestiti mill-aġenzija. Barra minn hekk, l-analiżi wriet ukoll li għall-programmi tan-network trans-Ewropew tat-trasport ⁽³⁾ u tal-Marco Polo ⁽⁴⁾ r-ritorn lejn arranġament ta' ġestjoni interni jkun ta' tfixkil u jirriżulta f'telf ta' effiċjenza.

- (9) Biex l-aġenziji eżekuttivi jingħataw identità koerenti, il-Kummissjoni, safejn kien possibbli, qasmet il-ħidmiet skont l-oqsma tematiċi tal-politika meta stabbilit il-mandati l-ġodda tagħhom.
- (10) L-Aġenzija l-ġdida għandu jkollha mandat estż li jkopri l-ġestjoni ta' partijiet tal-programmi segwenti:

— Il-programm il-ġdid Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; il-ġestjoni ta' dan il-programm tinvolvi l-implimentazzjoni ta' proġetti tekniċi li ma jinkludux it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura politika u teħtieġ livell għoli ta' għarfien espert ta' natura teknika u finanzjarja tul iċ-ċiklu tal-proġett;

— Partijiet minn Parti III Sfidi Soċjetali tal-Programm Speċifiku Orizzont 2020; il-ġestjoni ta' dan il-programm tinvolvi l-implimentazzjoni ta' proġetti tekniċi

li ma jinkludux it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura politika u teħtieġ livell għoli ta' għarfien espert ta' natura teknika u finanzjarja tul iċ-ċiklu tal-proġett;

— Il-parti residwa tal-programm tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li diġà kien iddelegat lill-Aġenzija Eżekuttiva tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2000-2006 (mill-2007) u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2007-2013; il-ġestjoni ta' dan il-programm tinvolvi l-implimentazzjoni ta' proġetti tekniċi li ma jinkludux it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura politika u teħtieġ livell għoli ta' għarfien espert ta' natura teknika u finanzjarja tul iċ-ċiklu tal-proġett;

— Il-parti residwa tal-programm Marco Polo, li fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2007-2013 kienet ġestita mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni; il-ġestjoni ta' dan il-programm tinvolvi l-implimentazzjoni ta' proġetti tekniċi li ma jinkludux it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura politika u teħtieġ livell għoli ta' għarfien espert ta' natura teknika u finanzjarja tul iċ-ċiklu tal-proġett.

- (11) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti fi żmien din id-Deċiżjoni u tal-programmi inkwistjoni, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Aġenzija għandha teżerċita l-kompiti tagħha b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi soġġetti għal u fid-data minn meta dawk il-programmi jidħlu fis-seħħ.

- (12) Għandha tiġi stabbilita l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks. Din għandha tieħu post l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport stabbilita bid-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE Din għandha topera f'konformità mal-istatut ġenerali stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 58/2003.

- (13) Id-Deċiżjoni 2007/60/KE u d-Deċiżjoni 2008/593/KE għandhom għalhekk jitħassru u għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżitorji.

- (14) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Aġenziji Eżekuttivi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") hija stabbilita mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), u Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1).

L-Istatut tal-Aġenzija huwa rregolat bir-Regolament (KE) Nru 58/2003.

L-Aġenzija tieħu post u tkompli fejn ħalliet l-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE.

Artikolu 2

Sede

Is-sede tal-Aġenzija hija f'Brussell.

Artikolu 3

Għanijiet u kompiti

1. L-Aġenzija hija mogħtija l-kariga tal-implimentazzjoni ta' partijiet mill-programmi tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
- (b) Il-Parti III Sfidi Soċjetali tal-Programm Speċifiku Orizzont 2020.

Dan il-paragrafu għandu japplika soġġett għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull wiehied minn dawn il-programmi.

2. L-Aġenzija hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-partijiet residwi tal-programmi Komunitarji li ġejjin:

- (a) Il-programm tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;
- (b) Il-programm Marco Polo.
- 3. L-Aġenzija hija responsabbli għall-kompiti segwenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-partijiet tal-programmi tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2:
 - (a) il-ġestjoni ta' xi stadji ta' implimentazzjoni tal-programm u xi fażijiet tul il-ħajja ta' proġetti speċifiċi abbażi tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni, fejn il-Kummissjoni tkun tatha s-setgħa li tagħmel dan fl-istrument tad-delega;
 - (b) l-adozzjoni tal-istrumenti għall-eżekuzzjoni tal-baġit għaddħul u l-infiq u t-twettiq tal-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm, fejn il-Kummissjoni tkun tatha s-setgħa li tagħmel dan fl-istrument tad-delega;
 - (c) il-ġhoti ta' appoġġ fl-implimentazzjoni tal-programm fejn il-Kummissjoni tkun tatha s-setgħa li tagħmel dan fl-istrument tad-delega.

Artikolu 4

Tul ta' żmien tal-ħatriet

1. Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija huma maħtura għal sentejn (2).

2. Id-Direttur huwa maħtur għal ħames (5) snin.

Artikolu 5

Rekwiżit dwar is-superviżjoni u r-rapportar

L-Aġenzija hija soġġetta għas-superviżjoni mill-Kummissjoni u tirrapporta regolarment dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi jew partijiet minnhom li għalihom hi responsabbli, skont l-arranġamenti u l-intervalli stipulati fl-istrument tad-delega.

Artikolu 6

Implimentazzjoni tal-baġit operattiv

L-Aġenzija timplimenta l-baġit operattiv tagħha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 ⁽¹⁾.

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet tranżitorji u ta' tħassir

- 1. Id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE hija mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra jinftehimu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.
- 2. L-Aġenzija titiqies bħala s-suċċessur legali tal-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE.
- 3. Bla preġudizzju għall-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(2), l-Artikolu 30 u l-Artikolu 31(2) tad-Deċiżjoni C(2013) 9235, din id-Deċiżjoni ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi ta' persunal impjegat mill-Aġenzija, inkluż id-Direttur tagħha.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni idħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolamentazzjoni finanzjarja standard għall-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jstabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li se jingħataw il-kariga b'ċerti kompiti fil-ġestjoni ta' programmi Komunitarji (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).